SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 08**

**IL-ĦAMIS 13 TA' SETTEMBRU 2012 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00 PM.**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| Dr JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| ALEX CHETCHUTI | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillieri R. Rossignaud, P.Fenech u M.Abela kienu skużati.

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas-Seduta Numru 7 ġew approvati kif emmendati. Il-Kunsillier M. Fava ppropona u l-Kunsillier C. Said issekondat.

## II RAPPORTI MILL-KUNSILIERI

Mill-Kunsillier Mario Fava

1. Il-Kunsillier staqsa sabiex issir kuntatt mal-Kumitat Reġjonali dwar appuntament ma' l-Authorized Officer. Importanti li din il-laqgħa ssir wara l-5pm. Huwa talab ukoll għar-rapport ta' ċitazzjonijiet li jingħataw fil-lokalitajiet li jiffurmaw parti mill-istess Kumitat. Is- Sindku ħa l-inakrigu li jiffissa din il-laqgħa fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat.

2. Il-Kunsillier nforma li l-un/loading bay fi Triq il-Qasam fil-viċinanza ta' St. Andrews Pharmacy saret u din diġa' qed tintuża'. Hu rrimarka li l-Kunsill ma kellux għalfejn jistenna sena u nofs għal din it-talba.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk din is-sena huwiex se ssir manutenzzjoni ta' tindif tal-Culverts. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li għal dawn ix-xogħlijiet diġa' saret sejħa għal kwotazzjonijiet li se taqgħlaq fl-14 ta' Settembru 2012. Il-Kunsillier A. Curmi irrimarka li huwa kien ga staqsa dwar dan fis- 6 ta' Awissu 2012.

4. Il-Kunsillier staqsa jekk waslietx xi risposta għal ittra li ntbagħtet lil Minsitru Jason Azzopardi dwar l-espropprazzjoni fil-parti ta' fuq ta' Triq ir-Ratal. Is- Segretarju Eżekttiv nforma li sal-preżent għad ma waslitx l-ebda risposta.

5. Il-Kunsillier nforma dwar xogħlijiet ħżiena ta' re-instatement li qed issiru mill-WSC kull meta jissewwew xi ħsarat fit-toroq. Huwa talab sabiex tinkiteb ittra lil WSC u tiġi kkupjata lil AKL.

6. Il-Kunsillier irraporta dwar dewmien fil-bdil tal-bozzoz wara li dawn jiġu rrapurtati bil-ħsara. Il-Kunsillier A. Curmi rraporta wkoll dwar dan id-dewmien. Is- Sindku rraporta li saru rapporti biex jittranġaw l-ħsarat li s'issa għad ma sarux. Il-Kunsillier M. Fava ssuġerixxa li għandha ssir komunikazzjoni mal-Kuntrattur u jiġi mwissi li jekk ma jitlestgħux l-ħsarat irraportati fi żmien jumejn, dawn jingħataw lil ħaddieħor.

6. Il-Kunsillier ppreżenta rapport detteljat. Dan jinsab anness ma' dawn il-Minuti, Appendiċi A.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (ikompli)

Mill-Kunsillier Carmen Said

1. Il-Kunsillier irrapurtat ċint ta' plot perikoluż fi Triq ir-Ratal. Is- Segretarju Eżekuttiv issuġerixxa li ssir żjara fuq il-post flimkien mal-Kunsillier u jsir kuntatt ma' sidien tal-plot.

2. Hija preżentat ċirkulari biex tintbagħat lill-residenti sabiex jiġu nfurmati li l-Kunsill se joffri l-inġezzjoni ta' l-influenza b'xejn il-dawk li għandhom iktar minn 55 sena. Is- Sindku ħa l-inkarigu li jkellem lill-Kappillan sabiex jistaqsih dwar kamra adattata minn fejn tkun tista' tingħata din l-inġezzjoni.

Mill-Kunsillier Alfred Curmi

1. Il-Kunsillier talab sabiex hu jkun preżenti għal laqgħat li se jsiru ma' l-Authorized Officer tal-Wardens.

2. Huwa talab sabiex wara l-koferenza t' l-ECAD, jiġi ppreżentat rapport finanzjajrju.

3. Il-Kunsillier staqsa sabiex jidew ix-xogħlijit ta' tindif tal-*culverts* fil-lokalita' kollha mill-aktar fis possibli. Is- Segretraju Eżekuttiv reġa' nforma li l-offerti għal dawn ix-xogħlijiet diġa' ġew ppublikati u se jagħlqu fl-14 ta' Settembru 2012. Dawn minnufih jingħataw lis- Sur R. Fenech biex bħas-soltu jagħmel l-aġġudikazzjoni.

Mill-Viċi Sindku - Dr. Justin Fenech

1. Il-Viċi Sindku talab sabiex issir follow-up tal-laqgħa li kienet saret ma' l-uffiċċjali tal-Pulizija, fejn kienu ġew diskussi ż-żamma ta' l-ordni u l-kwiet minħabba li dalwaqt kienu se jibdew jaslu l-istudenti barranin. Huwa ssuġerixxa li ssir laqgħa oħra ma' l-istess uffiċċjali tal-Pulizija.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## III KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (ikompli)

**Progett tal-Bini Amministattiv tal-Kunsill fi Triq il-Keffa**

1. Is- Sindku ppreżenta pjanti tal-bini amministrattiv tal-Kunsill imdawwar bil-ġnien fi Triq il-Keffa. Hu talab għas-suġġerimenti tal-Kunsillieri. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill qabel li:

   - Is- soqfa jiġu nfurzati permess ta' *flash beams*
   - Il-bini min ġewwa jiġi *felxible* sabiex wara jistgħu jitpoġġew partians u b' hekk jkun jista' jsir dak it-tibdil neċċessarju
   - Jingħataw il-*costings* tal-finishing tal-bini min ġewwa

**2. Proġett ta' kostruzzjoni flok l-ex lukanda Forum**

Is- Sindku ppreżenta pjanti u ritratti tal-kostruzzjoni li qed jiġi propost li jsir minnflok l-ex Forum Hotel. Wara diskuzzjoni dwar dawn il-pjanti, il-Kunsill iddeċieda li ssirr laqgħa ta' kunsultazzjoni ma' residenti. Huwa ssuġerixxa li jsiru avvizi fil-gazetti u jintbagħtu ittri lir-residenti tal-madwar qabel ma jibda' dan il-proġett. Il-Kunsill ikonkluda wkoll li qabel ma ssir din il-laqgħa, għandha ssir laqgħa ma' sidien tal-proġett. Il-Kunsill talab sabiex din il-laqgħa ssir bejn il-25 u 27 ta' Settemberu 2012 wara l-5pm. Is- Sindku ħa l-inkarigu li jikkomunika mas-sidien sabiex tiġi ffisata din il-laqgħa. Pjanta tinsab annessa ma' dawn il-Minuti – Appendix B.

3. Is- Sindku ppreżenta rapport dettaljat. Dan jinsab aness ma' dawn il-Minuti Appendici C.

Il- Viċi Sindku ġie skużat fis-7:15pm

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li l-Kunsill irċieva €1000 donazzjoni mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u l-Kultura (Onor. Dolores Cristina) għal- attivita' ta' Jum is- Swieqi.

2. Is- Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill, ir-rapport finanzjajjru li jkopri l-ewwel u t-tieni quarter minn Jannar sa Ġunju 2012. Il-Kunsill ideċieda li peress li dawn għadhom kemm waslu minngħand l-accountant tal-Kunsill u għaldaqstant ma kienx hemm ħin biżżejjed biex jiġu studjati, dawn se jitressqu għall-approvazzjoni fis-seduta li jmiss.

Il-Kunsillier Alex Chetcuti talab sabiex jiġi skużat. Ħin 7:15pm.

3. Is- Segretrju Eżekuttiv nforma li s-siġra fi Triq il-Molletta ġiet mneħħija peress li r-resident se jitlaq minn Malta u m'għadux joqgħod f' din id-dar.

4. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li fuq rekomandazzjoni tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali; huwa ġie rrekomadat li jibda' jesiġi xogħlijiet ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali tal-Gżira pero' għadha ma waslietx il-konferma mill-Prim Ministru bħala l-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

Minħabba li ma kienx fadal qourum, il-laqgħa ma setgħetx titkompla u għaldaqstant spiċċat fis-7:30pm.

Sar aġġornament għal nhar it-Tnejn 1 ta' Ottubru 2012.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**